MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Numru 4/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Emanuel Scerri**

## Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub mill-Avukat Generali fis-26 ta' Jannar 2009 kontra Emanuel Scerri ta' 63 sena, bin il-mejtin Vincent u Carmela nee Caruana, imwieled Haz-Zabbar fil-31 ta' Jannar 1945, residenti l-Belt Valletta u detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 170345M, li permezz tieghu huwa akkuza lill-imsemmi Scerri talli f'Ottubru tas-sena 2007 u fil-jiem u gimghat ta' qabel din id-data (**1**) assocja ruhhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika l-erojina bi ksur tal-ligi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni (l-ewwel kap), (**2**) importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista'

tigi importata id-droga erojina f'Malta bi ksur tal-ligi (it-tieni kap), (**3**) kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu (it-tielet kap);

Rat ir-rikors konguntiv ta' l-Avukat Generali u ta' l-akkuzat Emanuel Scerri presentat llum ghall-finijiet tal-Artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, li l-kontenut tieghu din il-Qorti qed tapprovah ghall-finijiet u effetti kollha tas-aubartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 453A;

Semghet fl-udjenza tal-lum lill-imsemmi Emanuel Scerri iwiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-imsemmi Att ta' Akkuza, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie mwissi minn din il-Qorti bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u nghata zmien biex jahsibha u jekk irid jerga' lura minnha;

Tiddikjara lil Emanuel Scerri, fuq ammissjoni tieghu, hati talli f'Ottubru tas-sena 2007 u fil-jiem u gimghat ta' qabel din id-data assocja ruhhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika l-erojina bi ksur tal-ligi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah ukoll hati talli fl-istess zmien importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata id-droga erojina f'Malta bi ksur tal-ligi, u dan skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza; u fl-ahharnett tiddikjarah hati talli fl-istess zmien kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-tielet kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza;

In vista tar-rikors konguntiv aktar 'l fuq imsemmi din il-Qorti ser taghti s-sentenza konformement ma' dak mitlub mill-partijiet;

Rat l-Artikoli 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 2, 9, 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d)(7) tal-Kap. 101, kif ukoll ir-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-

Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939);

Tikkundanna lill-imsemmi Emanuel Scerri ghall-piena ta' **ghaxar (10) snin prigunerija** u **multa ta' tlieta u ghoxrin elf u mitejn euro (Euro 23,200) konvertibbli f'sena ohra prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi;** tordna **l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-imsemmi Emanuel Scerri ukoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta huwa gie akkuzat ghaddiet ghand terzi u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jinsabu barra minn Malta**; tikkundanna lill-Emanuel Scerri ihallas **l-ispejjez peritali konnessi ma' dawn il-proceduri ammontanti ghal erba' mija u tnejn u disghin euro u sitt centezmi (Euro 492.06)**, konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi f'kaz ta' nuqqas ta' pagament.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga involuta f'dan il-kaz mir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali mhux aktar tard minn tlett gimghat mil-lum, kemm-il darba l-Avukat Generali ma jindikax permezz ta' nota prezentata mhux aktar tard minn nhar il-Erbgha 15 ta' April 2009 li l-istess droga ghandha tigi preservata ghax mehtiega in konnessjoni ma' proceduri ohra. L-imsemmi Registratur ghandu jipprezenta *proces-verbal* fl-atti ta' din il-kawza li jiddelinea l-process kollu ta' distruzzjoni ta' l-istess droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------